**111. L-Onor Tonio Borg MP, il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lill-Airmalta p.l.c. proprjeta' f'Ħal Luqa u f'Pembroke, kif inhu deskritt aħjar fl-abozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-proprjeta' f'Ħal Luqa u f'Pembroke, kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti b'ċens lill-Airmalta p.l.c., għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

15.03.04